

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [L-Ordni Ewropea Tal-Ħlas](#) > Luxembourg

L-Ordni Ewropea tal-Ħlas

Lussemburgu

Lussemburgu



SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 29(1)(a) - Qrati b'għurisidizzjoni

Il-qrati kompetenti biex joħorġu ordni ta' ħlas Ewropea huma:

1. il-ġudikant li jippresjedi t-*Tribunal d'Arrondissement* jew il-ġudikant li jissostitwih, meta l-valur tat-talba tkun iktar minn 15.000 euro;
2. il-*juge de paix*, meta l-valur tat-talba mhuwiex iktar minn 15.000 euro;
3. il-ġudikant li jippresjedi t-*Tribunal du travail*, jew il-ġudikant li jissostitwih, indipendentement mill-valur tat-talba, għall-kwistjonijiet li jinqalgħu dwar:
 - il-kuntratti ta' xogħol, il-kuntratti ta' tagħlim u s-sistemi kumplimentari ta' pensjoni li jkun hemm bejn min jimpjegga, fuq naħa u l-impjegati fuq in-naħa l-oħra, inkluż dawk li jirriżultaw wara li jkun ġie fi tmiemu l-kuntratt;
 - għall-benefiċċji tal-assigurazzjoni l-falliment stipulat fil-Kapitolu V tal-liġi tat-8 ta' Ġunju 1999 dwar l-iskemi ta' pensjoni supplementari li jkun hemm bejn l-entità msemmija fl-Artikolu 21 jew kumpanija ta' assicurazzjoni ta' ħajja kif stipulata fl-Artikolu 24(1) tal-istess liġi, fuq naħa, u l-impjegati, eks-impjegati u d-dipendenti, fuq in-naħa l-oħra.

L-Artikolu 29(1)(b) - Proċedura ta' reviżjoni

Huma kompetenti biex jieħdu deċiżjoni dwar l-oppożizzjoni u t-talba ta' reviżjoni :

1. it-*tribunal d'arrondissement*, meta d-deċiżjoni tal-ordni ta' ħlas Ewropea tkun ingħatat mill-ġudikant li jippresjedi t-*tribunal d'arrondissement*, jew mill-ġudikant li jissostitwih;
2. il-*juge de paix directeur*, jew il-ġudikant li jissostitwih, meta l-ordni ta' ħlas Ewropea tkun ingħatat minn *juge de paix*;
3. it-*tribunal du travail*, meta d-deċiżjoni tal-ordni ta' ħlas Ewropea tkun ingħatat mill-ġudikant li jippresjedi t-*tribunal du travail*, jew mill-ġudikant li jissostitwih.

L-Artikolu 29(1)(c) - Mezzi ta' komunikazzjoni

Il-Lussemburgu jaċċetta l-posta bħala mezz ta' komunikazzjoni.

L-Artikolu 29(1)(d) - Lingwi aċċettati

Il-Lussemburgu jaċċetta l-lingwa Franċiża u l-lingwa Ġermaniża.

■ L-aħħar aġġornament: 14/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.